MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 537/2014

**Direttur tad-Dipartiment tal-Finanzi u Amministrazzjoni fi hdan il-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura**

**vs**

**Micallef Martin**
**ID064856-M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur iddikjara illi Martin Micallef, karta ta’ l-identita’ numru 064856(M) kien impjegat tad-Dipartiment tax-Xogholijiet bhala *senior tradesman*; illi hareg pagament zejjed a favur ta’ Martin Micallef fl-ammont ta’ hames mija u tmenin ewro, erbgha u sebghin centezmu (€580.74c) skont l-anness Dok.‘A’; illi minkejja li kien interpellat diversi drabi

b'ittri kif ukoll b'ittra ufficjali datata 26 ta' Lulju, 2013, Dok.'B', biex ihallas lura s-somma dan baqa' inadempjenti. Ghaldaqstant, permezz tal-proceduri odjerni l-attur qed jitlob li tigi mhallsa lura s-somma li thallset indebitament lilu bl-ispejjez ta' l-ittra ufficjali datata 26 ta' Lulju, 2013 u l-imghaxijiet mid-data tal-hlas indebitu.

Ra d-dokumenti li gewipprezentati mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati Dok.'A' u 'B'.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u tmenin ewro, erbgha u sebghin centezmu (€580.74c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------